**25 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Gaetano Cuschieri *et*

## Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali - Enunċjazzjoni Żbaljata jew Inkompleta tal-Liġi

*Biż-żmien il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u qabilha l-Qorti Kriminali (sede Appell) estendew il-każ fejn il-Maġistrat ikun illibera lill-imputat għaliex ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat, biex jinkludi fih ukoll il-każ meta l-Maġistrat ikun applika għal fatt enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat. B'ġurisprudenza kostanti, għalhekk, ġie konċess ukoll id-dritt ta' l-appell lill-Avukat Ġenerali anke fuq punt ta' dritt.*

*Fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju l-Qrati dejjem addottaw linja dritta u inekwivoka ta' raġonament li assigurat li ma jsirx tiġdid ta' argumenti mill-Avukat Ġenerali biex jottjeni dritt ta' appell meta ma għandux.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputati Gaetano Cuschieri, Joseph Grima, Tarcisio Bonnici, Joseph Muscat u Dr. Austin Gatt tressqu quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Istruttorja akkużati talli flimkien ma' persuni oħra fit-12 u t-13 ta' Diċembru, 1981, f'Ħal Far inġabru f'numru ta' għaxra u aktar sabiex jagħmlu reat jew reati, liema reati ġew esegwiti u dan billi nġabru jew heddu persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu Ħal Far minħabba li kienu qed jagħmlu servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; kif ukoll ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta' l-Awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu waqt li l-persuni inkarigati minn servizz pubbliku kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħħlu fi dmirhom billi ma ħallewx lil dawn l-istess persuni jagħmlu dak li b'liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li l-persuni inkarigati minn servizz pubbliku jkunu għamlu skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkunu; ukoll talli għamlu parti minn assoċjazzjoni ta' persuni li kienu organizzati u mħarrġa jew organizzati u mgħammra sabiex ikunu jistgħu jiġu użati għall-użu jew wiri ta' forza fiżika fit-tmexxija ta' xi skop politiku. Ukoll talli ħadu f'idejhom funzjoni pubblika, ċivili jew militari mingħajr ma kellhhom jedd għaliha u eżerċitaw att ta' dik il-funzjoni;

Rat in-nota tat-28 ta' Frar, 1984 li biha l-Avukat Ġenerali wara illi ddikjara illi ra l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputati u illi mill-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija jidhirlu illi tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub; kontra l-imputat Gaetano Cuschieri, fl-artikolu 83, 94 (1) u 353 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali; u kontra l-imputati l-oħra fl-artikolu 83 tal-Kodiċi Kriminali, bagħat lura lill-Ewwel Qorti l-attijiet tal-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex l-istess Qorti, f'nuqqas ta' l-oġġezzjoni ta' l-imputati, skond dak li

hemm maħsub fl-artikolu 382 (3) (d) (e) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċidi fuq l-akkuża ta' dik il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra;

Fil-11 ta' April, 1984 l-imputati ddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni;

Rat is-sentenza tat-8 ta' Awissu, 1984 li biha l-Ewwel Qorti sabet lill-imputati mhux ħatja u lliberathom u dan wara li kkunsidrat:

"Illi r-reat ikkontemplat mill-artikolu 83 tal-Kodiċi Kriminali illi l-Avukat Ġenerali qed jimputa lill-imputati kollha, ma jirriżultax b'ebda mod ippruvat;

Illi r-reat ikkontemplat mill-artikoli 94 (1) u 353 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali illi bihom qed jiġi akkużat ukoll l-imputat Gaetano Cuschieri ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat stante konflitt fil-provi";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u wara li tisma' l-kawża mill-ġdid issib lill-imputati ħatja tar-reati li bihom ġew akkużati u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dak li ser jiġi deċiż b'din is-sentenza hu punt

preliminari u perredinali u ċjoè ir-ritwalità o meno ta' l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali u dan billi l-imputati appellati eċċepew fis-seduta tat-13 ta' Settembru, in-nullità ta' l-appell interpost billi f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali m'għandux dritt ta' appell;

Ikkunsidrat f'dan ir-rigward;

Illi hu notorju fis-sentenza penali tagħha illi sakemm mhux speċifikatament prevvist il-kuntrarju b'liġi *ad hoc* filwaqt li l-persuna misjuba ħatja għandha dejjem dritt ta' appell, l-Avukat Ġenerali hu ttrattat differentement u mhux dejjem jista' jappella. Din mhix xi ħaġa partikolari għas-sistema Maltija anzi jingħad bla tlaqliq illi minn meta ġie żviluppat dan il-prinċipju fl-Ingilterra fis-seklu sbatax tista' tgħid il-pajjiżi kollha b'sistema legali simili bħal tagħna llimitaw min mod u min ieħor id-dritt ta' appell tal-prosekuzzjoni kemm minn sentenzi liberatorji ta' Qorti Inferjuri kif ukoll minn sentenza ta' Qrati ta' kompetenza Kriminali Superjuri inklużi ġurijiet;

Skond il-Koċiċi Kriminali tagħna (artikolu 425) l-Avukat Ġenerali jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja f'dawn il-każijiet li ġejjin biss u ċjoè:

Meta l-Qorti Inferjuri tiddikjara li mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tar-reat;

Meta l-fatt li tiegħu l-akkużat kien ġie misjub ħati, ikun suġġett għal piena li toħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Meta l-piena mogħtija mill-Qorti Inferjuri, fix-xorta jew fil-kobor tagħha, ma tkunx dik ikkontemplata mil-liġi għar-reat

li fuqu l-ikkundannat ikun ġie misjub ħati;

Meta l-imputat jiġi liberat minħabba:

Li fil-fatt ma jkunx hmem l-elementi ta' reat;

Estinzjoni ta' l-azzjoni;

Li ġà kien hemm qabel deċiżjoni li biha l-imputat kien ġie misjub ħati jew illiberat;

Meta l-prosekuzzjoni tkun ġiet impeduta fil-kawża li ġġib xi prova li tkun dispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb;

Meta l-imputat ikun ġie meħlus minn wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 316 tal-Kap. 13 jew fl-artikolu 389 tal-Kap. 12 inkella milli jisserva jew jesegwixxi l-projbizzjonijiet jew ordnijiet magħmulin jew mogħtijin mill-Pulizija jew minn uffiċjal pubbliku ieħor bis-saħħa tal-Kap. 13 jew ta' liġijiet oħra;

F'każijiet ta' nullità tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri purchè fost dawk li hemm referenza għalihom fl-artikolu 425 (3) tal-Kap. 12;

Hu evidenti, u fil-fatt lanqas l-istess Avukat Ġenerali ma jippretendi mod ieħor, illi l-appell odjern ma jinkwadra ruħu taħt ebda wieħed mill-każijiet li ġew indikati. Fil-fatt l-għaref Avukat Ġenerali qed jinvoka dritt ta' appell fuq il-pretensjoni li s-sentenza appellata tikkontjeni enunzjazzjonijiet żbaljati u inkompleti ta' l-ipotesi tal-liġi;

Fil-fatt jiġi ribadit dak li ormai għandu jkun jaf kulħadd li biż-żmien din il-Qorti u qabilha l-Qorti Kriminali (Sede Appell) kienu estendew il-każ fejn il-Maġistrat ikun illibera lill-imputat għaliex ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat biex jinkludi fih ukoll il-każ meta l-Maġistrat ikun applika għal fatt enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat. B'ġurisprudenza kostanti għalhekk ġie konċess ukoll id-dritt ta' l-appell lill-Avukat Ġenerali anke f'dan il-każ għax kif tant tajjeb spjegat fis-sentenza in re **Pol. *vs* A. Caruana**, mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1953, l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt. Però għandu jiġi mfakkar illi fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju dawn il-Qrati dejjem addottaw linja dritta u inekwivoka ta' raġonament li assikurat li ma jsirx tiġdid ta' argumenti mill-Avukat Ġenerali biex jottjeni dritt ta' appell meta ma għandux u għalhekk dejjem għamlitha ċara din il-Qorti li dak li trid tara hi s-sustanza tas-sentenza fil-kumpless tagħha u jekk essenzjalment il-bażi tkun verament apprezzament ta' fatti ma jingħatax lill-Avukat Ġenerali d-dritt ta' Appell. Ir-raġuni hi ovvja u ċjoè għaliex ma għandux jintuża hawn qed nitkellem mhux fuq dritt ġdid ta' appell imma fuq estensjoni tal-massima li l-Avukat Ġenerali għandu dritt ta' appell meta l-Maġistrat ikun illibera għax ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat;

Ikkunsidrat;

Illi dan kollu din il-Qorti qalitu mhux għax kien hemm xi parti minnu li s'issa ma kinitx ċara iżda għax l-allegata enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta li l-Avukat Ġenerali qed jimputa li kien hemm fis-sentenza meritu ta' l-appell ordjern din il-Qorti sempliċement ma tistax taraha. Fil-fatt anzi hu bl-iktar mod ċar li fis-sentenza appellata ma hemm assolutament ebda enunċjazzjoni ta' liġi u għalhekk ma jistax jiġi ssostitwit dak li qed jiġi allegat;

Fil-fatt l-għaref Avukat Ġenerali qed jallega illi l-Ewwel Qorti għamlet distinzjoni bejn dak li "ma rriżulta b'ebda mod ippruvat" u dak li "ma rriżultax sodisfaċentement ippruvat stante konflitt fil-provi" u din hi distinzjoni li ma għandha ebda fundament fil-liġi. L-appellant fil-fatt qed jikkontendi illi l-grad ta' prova rikjest mill-prosekuzzjoni skond il-liġi huwa wieħed u uniku u ċjoè l-prova "mingħajr dubbju raġonevoli". L-appellant ikompli ukoll jargumenta illi:

"Il-liġi ma tirrikjedix li l-prosekuzzjoni għandha tipprova l-każ tagħha "sodisfaċentement". Dan hu grad ta' prova li mhux magħruf fis-sistema penali Malti u huwa priv minn kull sinifikat. Inoltre, l- "konflitt fil-provi" ma jwassalx, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, għall-konsegwenza li l-prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex tipprova l-akkużi skond il-liġi. L-konflitt fil-provi huwa parti integrali mill-proċess kriminali u l-apprezzament ta' tali konflitt mill-ġudikant jifforma parti mill-eżerċizzju li hu mistenni jagħmel fir-riċerka tal-verità. Il-ġudikant ma jistax jagħmel, bħal ma għamlet l-Ewwel Qorti, li appena jidhirlu li hemm konflitt fil-provi allura jasal għall-konklużjoni li r-reati ma rriżultawx. Fil-każ ta' tali konflitt iżda, jispetta lill-ġudikant li jagħmel l-apprezzament tal-provi ggwidat mill-kriterji tal-liġi stess (ara artikoli 633 u 634 tal-Kodiċi Kriminali) u jiddeċidi skond ir-regoli tal-liġi liema provi għandu joqgħod fuqhom u liema provi għandu jiskarta. Dan l-eżerċizzju ma sarx mill-Ewwel Qorti li kull ma għamlet hu li appena dehirlha li rriskontrat konflitt fil-provi waslet għall-konklużjoni li r-reat ma ġiex ippruvat";

Illi fuq dawn is-sottomissjonijiet kollha din il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha u hi tal-ferma opinjoni li n-nullità eċċepita għall-appell ta' l-Avukat Ġenerali hi inekwivokalment fondata u radikata. Infatti mhux biss ċerti asserzjonijiet indikati huma totalment gratuwiti iżda din il-Qorti tinsab kompletament konvinta li anke jekk kellha tagħti valur

assolut li s-sottomissjonijiet ta' natura legali li għamel l-appellant xorta trid neċessarjament tasal għall-unika konklużjoni li tista' raġonevolment tiġi raġġunta u ċjoè li fis-sentenza appellata hemm biss apprezzament ta' fatt u xejn iżjed. U mhux korrett dak li sostna l-appellant u ċjoè li fis-sentenza hemm anke minimament xi indikazzjoni li l-Ewwel Qorti ttrattat *il-każ leġġerment u għamlet apprezzament tal-fatti* superfiċjalment biss. L-apprezzament sar u jekk l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx miegħu ma jfissirx li b'daqshekk ottjena dritt ta' appell meta ma għandux anke jekk l-istess appellant iħossu konvint li ma jistax jaqbel ma' dak l-apprezzament. L-istess liġi ma ttiħx dritt ta' appell f'każijiet bħal dan u għalhekk ma baqgħalha xejn din il-Qorti ħlief li takkolji l-eċezzjoni tan-nullità ta' l-appell;

Għal dawn il-motivi, prevju l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell issollevata mill-appellata tiddikjara l-istess appell interpost mill-Avukat Ġenerali irritu u null peress li s-sentenza appellata kif mogħtija mhix appellabbli minnu u konsegwentement tastjeni ruħha milli tieħu aktar konjizzjoni tiegħu.